MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 96/2004

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Lawrence u Bernardette konjugi Gauci**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ Lm141.63c (mija u wiehed u erbghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) rapprezentanti servizz telefoniku bin numru 21673329.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Dr Ingrid Zammit Young li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm141.63c (mija u wiehed u erbghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------